MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru 249/2010

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Kristina Dalli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 570893M, akkuzata talli:

1. fil-lejl ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2009 u l-21 ta' Ottubru 2009, f'xi hin bejn nofs il-lejl u s-saghtejn ta' fil-ghodu, minn gewwa l-istabbiliment Havana, li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, ikkommettiet serq ta' handbag, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ghad-detriment ta' Alexania u Maria Parnis u persuna jew persuni ohra.
2. bejn Otturbu 2009 u Jannar 2010, xjentement xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa li l-valur taghhom

huwa aktar anqas minn 232.94 ewro, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li kien indikat biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. bejn Ottubru 2009 u Jannar 2010, bhala l-persuna li m'hijiex id-detentrici tal-karti ta' l-identita' jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega ta' l-Att dwar il-karta ta' l-Identita jew ta' xi ligi ohra, f'isem id-detenturi, kellha fil-pussess taghha jew ghamlet uzu, ikun li jkun, ta' zewg karti ta' l-identita' li huma fuq il-persuni ta' Alexania Parnis u Maria Parnis.

4. fl-istess perjodu, wara li giet fil-pussess ta' zewg karti ta' l-identita' fuq l-ismijiet ta' Alexania Parnis u Maria Parnis, naqset li minnufih tikkonsenjahom jew tibaghathom lill-imsemmija detenturi jew lill-ufficjal awtorizzat.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dina l-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Rat il-verbal taghha tal-lum fejn l-imputata rregistrat ammissjoni fl-liema nsistiet anka wara li l-Qorti tatha zmien biex tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata tiddikjaraha u ssibha hatja tal-imputazzjonijiet riportati kontra taghha.

Rat l-Artikolu 261(f), 270, 281 u 17(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 12(1)(2) tal-Kap 258.

Ikkonsidrat li t-tieni akkuza hija in alternattiva ghall-ewwel.

Rat il-fedina penali netta taghha.

Tiddeciedi li tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------